# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 181/17/3 AGV**

**Josephine sive Joyce Parnis f'isem u fl-interess ta' binha minuri Paul Joseph Parnis**

**v.**

**Fortunato Farrugia li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru, 2017 ġie nominat bħala kuratur sabiex jirrappreżenta l-eredita' gjaċenti ta' Damian Farrugia, b'digriet datat 1 ta' Frar, 2018 ġew msejjħa fil-kawża, Genoveffa Spiteri, Mario Farrugia, Guza Schembri, Gusman Farrugia, Mary Busutill, Eugenia Hili, Guzeppi Farrugia, Rita Cassar, Martha Sciberras, David sive Daniel Farrugia u Giacinta Farrugia u permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar, 2018, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Charles John Parnis u Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Il-kawża titratta talba ta' omm f'isem binha sabiex jiġi ddikjarat li huwa wild naturali ta' Damian Farrugia li miet fis-17 ta' April, 2017, u mhux

ta' żewġha l-konvenut Charles John Parnis. Farrugia kien ġuvni u miet intestat. Evidenti li jekk it-tifel, li twieled fil-11 ta' Settembru, 2003, hu iben Farrugia, ikollu jedd għall-wirt. Kien għalhekk li fil-21 ta' Lulju, 2017, Josephine Parnis għan-nom ta' binha minuri ppreżentat il-kawża u talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi Joseph Paul huwa l-wild naturali u bijologiku ta' Damian Farrugia, okkorendo n-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet kollha necessarji u opportuni;*
>
> *2. Tiddikjara li Damian Farrugia, huwa ghal finijiet u effetti kollha l-missier naturali tal-minuri Joseph Paul;*
>
> *3. Tiddikjara illi l-minuri Joseph Paul huwa eredi tad-defunt Damian Farrugia;*
>
> *4. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il- korrezzjoni kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3253/2003, inkluz billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'Charles John Parnis' , fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidhlu l-kliem 'Damian Farrugia'*
>
> *5. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Publiku sabiex jaghmel il- korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3253/2003, inkluz att il-minuri minflok jibqa' jissejjah bhala Paul Joseph Parnis, jibda' jissejjah bhala Paul Joseph Farrugia Parnis;*
>
> *6. Tordna lil istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jippubblika l-att tat-twelid, iehor kif hekk korrett;"*

2. Għall-finijiet ta' din is-sentenza l-eċċezzjonijiet li huma rilevanti huma dawk numru tlieta u sitta li ta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u li jaqraw:

> *"3. Illi bla ħsara għall-premess u in linea preliminari wkoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikat lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni meħtieġa ai termini tal-artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċentrata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita ai termini tal-artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi*

*Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istant – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonmija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-posizzjoin tagħħa immedjatament.*

*........*

*6.Illi fl-istess waqt huwa estremament importanti ġialadarba l-minuri għandu tlettax-il sena, li tiġi megħluba l-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċement jiġi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu".*

3. B'sentenza tat-28 ta' Mejju, 2020, laqgħet dawk l-eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi nomine.

4. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien:

*"Fil-kaz odjern, pero', dina l-Qorti qieghda biss tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari u lanqas ghadha biss semghet provi dwar il-mertu. Huwa facli ghall-attrici biex tikkonferma li l-minuri mhuwiex bin zewgha, pero' lanqas ghadhom ma gew ordnati t-testijiet genetici fuq il-gisem tal-mejjet Damian Farrugia u ghalhekk f'dan l-istadju ghadha tezisti l-incertezza minn verament huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri u lanqas huwa mertu ta' din is-sentenza f'dan il-punt. Izda li ghandha quddiemha huwa stat ta' legittimita' ta' tifel u talba sabiex l-istat jinbidel ghal wiehed ta' illegitimita'.*

*Biex l-ebda wild ma jkollux hajtu mqallba ta' taht fuq, il-legislatur zamm ferm fl-applikazzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet delikati tal-ligi. Filfatt, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 77C u ghalhekk l-applikazzjoni tat-terminu tassattiv, huwa primarjament soggett ghall-Artikolu 81 li jikkontempla li hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att ta' twelid bhala iben imnissel, jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat, li jaqbel ma' dak l-att. Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid tieghu.*

*Fis-sentenza* ***Vella vs Vella*** *li ccitat l-attrici, ma tirrizultax kontestazzjoni fuq min kien il-missieru naturali u bijologiku u ghalhekk il-Qorti kienet propensa li tispensa mill-awtorizazzjoni gialdarba t-tibdil ma kienx ser jippregudika l-istat tat-tifel. Fil-kaz odjern il-paternita' hija kkontestata u ghalhekk f'din ir-retroxena, il-Qorti ser ikollha tallontana ruhha mir- ragunar tal-Qorti fil-kaz ta' Vella u torbot fuq l-*

*interpretazzjoni li l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl- **artikolu 81** u cioe' l-presunzjoni legali li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.*

*Illi fi kliem iehor sabiex tirnexxi l-azzjoni skond **l-artikolu 77,** trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossjedi l-istess stat ta' legittimita'.*

*.......*

*Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess hajja tieghu, hekk mizmum fir-realta' socjali bhala iben l-istess konjugi.*

*.......*

*Mir-rizultanzi processwali gie kkonfermat li l-attrici welldet lil minuri Paul John minn relazzjoni extra-maritali, li accetta zewgha u biex il-familja tieghu tibqa' maghquda baqa' mal-attrici u rabba lill-minuri, daqslikieku kien wiehed minn uliedu. Mantnih, hallaslu l-ispejjez edukattivi tieghu, kif ukoll it-tifel isejjahlu "daddy." Decizjonijiet dwar l-edukazzjoni tieghu, dwar hajjtu kollha jittiehdu mill-familja tieghu. Ammettew li ma tkellmu ma' hadd, hlief ma' uliedhom u l-attrici tghid li qalet lil hutha, izda ma ressqithomx bhala xhieda u ghalhekk f'ghajnejn kulhadd, il-minuri Paul huwa wild Charles Parnis u l-attrici.*

*Minn dawn il-provi, ghalhekk, jirrizulta li l-minuri kellu rabta b'sahhitha mal-konvenut Charles Parnis u anke ma' hutu. Peress illi l-iskop wara l-Artikolu 77C huwa jekk huwiex fl-interess tal-minuri jew ta' xi wiehed mill-partijiet, jew parti ohra, li jigi attakkat l-istat tal-minuri li gie mnissel fiz-zwieg, ma jistax jinghad li r-rekwiziti taht l-Artikolu 81 gew soddisfatti.*

*Dan iwassal biex fl-ahjar interess tal-minuri, l-istat tieghu ma jigix disturbat ghal dak li huwa llum u ghaldaqstant, l-istess terminu ta' sitt xhur kif ikkontemplat taht l-Artikolu 77C - li dejjem jibqa' tassattiv - isir irrilevanti gialdarba dina l-kawza ma tistax' treggi jekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jissoprassjedu fuq l- Artikolu 77C u l-presunzjoni legali ghandha tibqa' li hi, li Paul John huwa bin Charles Parnis. Oltre minn hekk, ladarba t-terminu ta' sitt xhur indikat fl-Artikolu 77C skada minghajr ebda intervent guridiku tal-attrici, dik l-eccezzjoni sejra tintlaqa wkoll"*.

5. B'rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2020, Charles John Parnis appella mis-sentenza, filwaqt li b'rikors ippreżentat fl-istess ġurnata l-attriċi nomine appellat ukoll. Permezz ta' tweġibiet preżentati fit-3 ta' Lulju, 2020, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għall-appell tal-imsejjaħ fil-kawża u tal-attriċi nomine u fihom ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appelli. L-istess għamlu l-konvenuti l-oħra (l-aħwa ta' Damian Farrugia) permezz ta' tweġibiet li ppreżentaw fit-13 ta' Lulju, 2020.

<u>L-appell tal-attriċi</u>.

6. Fl-ewwel tliet aggravji, li huma konnessi ma' xulxin, l-attriċi targumenta li l-ewwel Qorti:

i. Għamlet konklużjoni żbaljata peress li s-sentenza ngħatat daqslikieku l-omm kienet l-attriċi meta fil-fatt l-omm ippreżentat il-kawża f'isem il-minuri;

ii. Kienet influwenzata mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-preżenza ta' omm il-minuri f'din il-kawża;

iii. Applikat dispożizzjonijiet ta' liġi li ma kinux applikabbli għall-każ in eżami.

7. Aggravji li jolqtu t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

8. Jibda biex jingħad li l-ewwel Qorti kkunsidrat li t-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-Artikolu 77C kien wieħed fatali għall-eżerċizzju tal-kawża. Dan minkejja li l-attriċi fis-7 ta' Frar 2018 kienet ippreżentat rikors ġuramentat *ai termini* tal-Art. 77C li bih talbet lill-ewwel Qorti *".... tagħti permess biex tkompli bil-kawża sabiex b'hekk tiġi stabbilita l-paternita tal-minuri permezz tad-DNA u wara jsiru l-alterazzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri kif indikat fil-premess....."* (fol. 96). Rikors li ma jirriżultax li ġie deċiż mill-ewwel Qorti.

9. Dan apparti l-fatt li r-rikors ġuramentat tas-7 ta' Frar, 2018, sar inutilment għaliex l-Art. 77C tal-Kodiċi Ċivili japplika biss fejn il-kawża ssir mill-persuna li tgħid li hi l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew mill-omm miżżewġa li weldet il-wild. Fil-każ tallum il-kawża saret mill-omm għan-nom tal-minuri u mhux f'isimha personali.

10. Għaldaqstant, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tilqa' l-aggravju tal-attriċi nomine dwar l-applikazzjoni tal-Art. 77C tal-Kodiċi Ċivili għall-każ in eżami.

11. Aggravju ieħor ta' l-attriċi nomine hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta applikat il-konsegwenzi tal-Art. 81 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ l-Art. 77B ma japplikax, iżda semmai japplika l-Art. 70A(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili u li jagħti jedd lill-minuri li jsir jaf min verament hu missieru naturali. Inoltre tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti.

12. L-Art. 77 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

*"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kul min ikollu interess:*

*.......*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel".*

13. Art. 81 jipprovdi:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att".*

14. Rilevanti wkoll hu l-Art. 80 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi kif il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti, bl-ewlenin ikunu:

*"(a) f'każ ta' konjuġi illi żżewġu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

*....*

*(ċ) illi l-ġenituri jkunu trattawh bħala binhom, u, f'dik il-kwalita', ħasbu għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokawh;*

*(d) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

*(e) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja"*.

15. Fl-att tat-twelid tal-minuri hemm dikjarat li hu iben l-imsejjaħ fil-kawża Charles John Parnis. Żewġ sentenzi, **Vella v. Cassar** – 25 ta' Mejju, 2007, u **Grima v. Grima** - 19 ta' April, 2012) it-tnejn mogħtija minn din il-Qorti jikkonfermaw *"illi l-ligi ma tridx li tinbidel sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att ta' twelid tieghu"*.

16. Fis-sentenza l-ewwel Qorti kkonkludiet li mill-provi kien irriżulta li l-pussess ta' stat li għandu t-tifel hu konformi mal-att tat-twelid, ċioe` dak ta' iben leġittimu. Dan wasslet għalih mill-fatt li:

i. It-tifel trabba minn Paul John Parnis, ir-raġel ta' Josephine Parnis, omm it-tifel, u ttrattah bħala wieħed minn uliedu. Mantnih u tah edukazzjoni ukoll;

ii. Ma tkellmu ma' ħadd li t-tifel hu iben ħaddieħor ħlief ma' wliedhom;

17. Hu fatt li sar test tad-DNA fuq it-tifel. Dr Marisa Cassar għamlet it-test u f'affidavit qalet:

> *"2. Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi Charles John Parnis ID No. 370461M mhux il-missier natural ta' Paul Joseph Parnis ID No. 325303L"* (fol. 85).

18. Is-*samples* li ttieħdu mit-tifel, ommu u Charles John Parnis ittieħdu fil-21 ta' Mejju, 2018, ċioe` fil-mori tal-kawża u għalhekk wara l-mewt ta' Damian Farrugia (fol. 86).

19. Min-naħa l-oħra m'hemmx dubju li t-tifel dejjem ġab kunjom Parnis u qatt kunjom Farrugia. M'hemmx prova li man-nies kien magħruf bħala iben Damian Farrugia. Paul John Parnis dejjem ttrattah bħala ibnu u ħa ħsieb il-manteniment u edukazzjoni tiegħu. Dejjem ikkunsidrah u ittrattah bħala wieħed minn uliedu. Nikita Parnis, waħda mit-tfal tal-konjuġi Parnis, xehdet *"Jien ngħid fiċ-ċert illi missieri dejjem ħa ħsieb ħija Paul Joseph allavolja kien jaf li mhuwiex it-tifel tiegħu.... Missieri dejjem tratta lill-ħija Paul Joseph bħalna daqs li kieku kien tiegħu"* (fol. 92). L-istess qalet omm it-tifel (fol. 53) li saħansitra kkonfermat li man-nies it-tifel kien magħruf bħala iben żewġha (fol. 70). Charles John Parnis ikkonferma li t-tifel qisu mill-bidunett bħala ibnu u hekk għadu (fol. 74), u li wkoll ma' ħutu dejjem tkellem fis-sens li Paul Joseph huwa ibnu. Żied li qatt ma qal lil ħadd li l-missier naturali tat-tifel hu ħaddieħor. M'hemmx dubju li Charles John Parnis dejjem ittratta lit-tifel bħala ibnu. M'hemmx provi li

Damian Farrugia kien iħallas manteniment għat-tifel. Josephine Parnis qalet li kien hemm drabi meta ta flus lit-tifel u wkoll xtralu rota. Pero` dak mhuwiex biżżejjed għall-finijiet tal-Art. 80 tal-Kodiċi Ċivili. It-tifel trabba minn Charles John Parnis u mhux minn Damian Farrugia.

20. Mill-provi jirriżulta li l-minuri għandu erbat aħwa oħra li twieldu fiż-żwieġ bejn Josephine u Charles John konjuġi Parnis. Minn dak li xehdu ħutu jidher li fid-dar Paul Joseph hu magħruf bħala iben Damian Farrugia. Pero` dak mhuwiex biżżejjed. It-tifel, li llum għandu kważi tmintax-il sena, trabba bħala iben Charles John Parnis. Josephine Parnis xehdet li kien hemm relazzjoni ta' iben ma' missier bejn it-tifel u l-mejjet Damian Farrugia. Madankollu, jekk din kienet teżisti ma jirriżultax li kienet fil-miftuħ. Fil-fatt l-ebda xhud barrani ma tressaq sabiex jikkonferma tali fatti. Dan apparti li ħadd mill-għaxart aħwa ta' Damian Farrugia ma kkonferma dak li xehdet omm it-tifel.

21. Wara li l-Qorti qrat l-atti tikkonkludi li l-ewwel Qorti setgħet tasal għal dik il-konklużjoni. Fl-aggravju relatat ma' din il-parti tas-sentenza l-attriċi nomine ma qalet xejn ġdid li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti għamlet żball manifest ta' xi fatt u li kellu jwassalha biex tikkonkludi li l-pussess ta' stat tat-tifel ma kienx konformi ma' dak dikjarat fl-att tat-twelid tiegħu.

22. L-attriċi nomine għamlet ukoll referenza għall-fatt li l-kawża tallum mhijiex waħda fejn ġenitur jew terz qed jitlob li jiġi kkunsidrat bħala ġenitur u lanqas mhi kawża sabiex jiġi dikjarat li l-wild mhuwiex iben waħda mill-partijiet, iżda hi azzjoni li nbdiet mill-minuri. Il-Qorti tosserva li fl-applikazzjoni tal-Art. 81 tal-Kodiċi Ċivili, il-liġi ma tagħmilx dik it-tip ta' distinzjoni jekk il-kawża ssirx mill-wild jew minn xi terza persuna. L-Art. 77 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li l-filjazzjoni ta' tifel imwieled fiż-żwieġ tista' tiġi attakkata *"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81"*. Inoltre, jekk kellhom jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet il-konsegwenza tkun li effettivament it-tifel mhuwiex il-wild tal-imsejjaħ fil-kawża.

23. L-argument li t-tifel għandu dritt li jiġi stabbilit darba għal dejjem min hu missieru (ara paragrafu numru 6 tar-rikors tal-appell, fol. 217) hu rrilevanti peress li Qorti trid tapplika l-liġi ordinarja għall-fatti tal-każ li jkollha quddiemha. Hekk ġara f'dan il-każ. Dak il-fatt ma jġibx fix-xejn l-applikazzjoni tal-Art. 81 tal-Kodiċi Ċivili.

24. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar argument tal-attriċi nomine li l-ewwel Qorti *"għażlet it-triq tal-formaliżmu żejjed"*, m'hemmx x'jingħad peress li dak l-argument sar biss f'każ li l-Qorti tikkonkludi li effettivament il-kawża saret mill-omm f'isimha personali. Materja li ġiet sorvolata bil-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet b'referenza għall-ewwel aggravju.

<u>L-appell tal-imsejjaħ fil-kawża Charles John Parnis.</u>

25. B'referenza għall-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, Parnis argumenta li l-Qrati dejjem awtorizzaw li titkompla l-kawża għalkemm ma jkunx intalab il-permess tal-Qorti sabiex tipproċedi bil-kawża. Spjegat:

> *"..... 3. L-attriċi intavolat r-rikors sabiex l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-prosegwiment tal-kawża u dan sar fis-7 ta' Frar 2018 għal liema talba l-avukata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kienet irrimettiet ruħha. Vide verbal tal-24 ta' April 2018.*
>
> *4. Rigward il-fatt li l-kawża ma ġietx intavolata entro sitt xhur mit-twelid, dan hu fatt mhux kontestat, iżda minħabba nuqqas uman m'għandux ibati minuri fejn jiċċaħħad mid-drittijiet importanti tiegħu. Ma kienx jidħol f'moħħ l-omm li kellha tasal biex tintavola proċedura kontra z-zijiet ta' binha wara li binha tilef lil missieru. Mill-provi u ċjoe' mix-xhieda tagħha, irriżulta illi z-zijiet kellhom relazzjoni tajba mat-tifel, uħud kienu jgħannquh u bjusuh u jagħtuh flus, iżda mal-mewt ta' ħuhom Damian għażlu li jiċħduh unikament minħabba l-kwistjoni tal-wirt.*
>
> *5. L-omm dejjem żammet relazzjoni tajba ma' missier it-tifel, ta' inkontri regolari ta' darbtejn u tliet darbiet fil-ġimgħa biex it-tifel u l-missier igawdu lil xulxin. Ħadet riskju u poġġiet lil binha fl-ewwel post, qabel l-interessi personali tagħha, għax żewġha seta' faċilment jittermina ż-żwieġ talli mhux biss ġara dak li ġara iżda talli għażlet li ma ċċaħħadx lit-tifel mill-verita' u mill-imħabba ta' missieru, kif bix-xieraq kellha tagħmel. Ma kienx hemm ambjent jew sitwazzjoni ta' ġlied ma' Damian Farrugia li dejjem aġixxa bħala missier it-tifel".*

26. Apparti l-fatt li l-aggravju dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti b'referenza għall-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili huwa kollu *out of point*, in vista ta' dak li ngħad dwar l-appell tal-attriċi nomine, m'hemmx bżonn li jiġi kkunsidrat l-aggravju ta' Charles John Parnis relatat mal-Art. 77C tal-Kodiċi Ċivili.

27. Aggravju ieħor tal-appellant Parnis hu dwar l-apprezzament tal-provi. Fl-aggravju semma l-provi li tressqu u li fil-fehma tiegħu *".... għandu jinduċi biex tingħeleb il-presunzjoni tal-leġittimita' tal-minuri"*. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet li diġa saru fir-rigward tal-appell tal-attriċi nomine, u tikkonferma li japplikaw ukoll għall-appell tal-imsejjaħ fil-kawża. Irrispettivament x'inhi l-verita` dwar min fir-realta` hu missier it-tifel, f'dan il-każ il-provi li hemm ma jurux li l-pussess ta' stat jaqbel mal-istat ta' iben leġittimu li jirriżulta mill-att tat-twelid tat-tifel.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi:

i. L-appell tal-attriċi nomine billi tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Mejju, 2020, u għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-attriċi nomine u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal ¼ (wieħed minn erba') a karigu tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-kumplament a karigu tal-attriċi nomine. Għal dak li jirrigwarda spejjeż tal-ewwel istanza, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' kull parti li għandha x'taqsam mat-tielet eċċezzjoni.

ii. L-appell tal-imsejjaħ fil-kawża Charles John Parnis billi tiċħdu, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da